**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**L-10 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 25 ta' Novembru 2013 fil-5pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Iż-Żbir tal-Arbuxelli tal-Oleander**
4. **Attivitajiet għall-Żmien il-Milied**
5. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
6. **Finanzi**
7. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-10 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru 2013 fil-5pm ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Ambaxxatriċi | Kimberly D'Amato |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tat-8 u d-9 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat Memo 26/2013, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Dettalji tal-Ambaxxatur fil-Kunsilli Lokali – Memo 26/2013.**

2.2 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Urġenti *Update 2*: Kjarifikazzjonijiet Oħra dwar Memo 26/2013 – Ambaxxatur fil-Kunsilli Lokali.**

2.3 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Konferenza Stampa mal-Ambaxxaturi Lokali taż-Żgħażagħ - 9 ta' Novembru 2013.**

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Update:* Konferenza Stampa mal-Ambaxxaturi Lokali taż-Żgħażagħ - 9 ta' Novembru 2013.**

2.4.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-Sa. Kimberly D'Amato ħadet il-ġurament tal-ħatra nhar l-Erbgħa 20 ta' Novembru 2013 fil-Parlament.

2.5 Inqrat Memo 27/2013, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 27/2013 – Ġbir ta' Skart Separat.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Ċirkulari Numru 1/2013 – Biljetti għas-Sindki**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**għall-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Kwestjonarju dwar Servizzi Soċjali fil-Lokalitajiet.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***MOT Circular 5/2013 – Application for Reduced Hours Inclusive of Template.***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa – Reġistru Elettorali ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Donazzjoni għall-Kampanja L-Istrina 2013.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Med 2014 Programme – Intervention Strategy.***

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ir-riżultat tas-Sejħa għall-għażla ta' persuni biex iservu fil-*Pool* tas-Segretarji Eżekuttivi prospettivi.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Derelict vehicles impounded by Local Councils.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Abela, Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kwotazzjoni – *Online Streaming* - Kunsill Lokali tal-Qrendi.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċelebrazzjoni tal-20 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali – 20 ta' Novembru 2013.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Seminar Kunsilli Lokali dwar l-Abbozz tal-Pjan għall-Immaniġġjar tal-Iskart 2013 – 2020.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Informazzjoni dwar l-Ambaxxaturi Lokali.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 6134.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 6135.**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEkK, bit-titlu ***ANSEK – 1st Annual Conference – 27 November 2013.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 73/2013 – Konferenza dwar l-użu tal-enerġija alternattiva ġewwa l-gżejjer Maltin fit-28 u 29 ta' Novembru 2013.**

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 74/2013 – *European Year of Citizens 2013 – Closing Event.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 75/2013 – Laqgħa Plenarja, is-Sibt 7 ta' Diċembru 2013 fil-Lukanda Dolmen Resort, Il-Qawra – Programm tal-Laqgħa.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 76/2013 – Ftuħ Uffiċjali tal-*Head Office* tal-AKL.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 77/2013 – Suppliment fit-*Times of Malta.***

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Elizabeth Vassallo mir-Reġjun għan-Nofsinhar, bit-titlu **Reġjun Nofsinhar Seminar għall-Impjegati tal-Kunsill.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer ta' GAL Xlokk, bit-titlu **GAL Xlokk AGM – 21.12.2013.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer ta' GAL Xlokk, bit-titlu ***M125 – Second Call.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Josianne Cilia Mumford, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Żurrieq, bit-titlu **Attivita' Kulturali.**

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Duncan Busuttil, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar, bit-titlu ***Vacancy for the post of Executive Officer (Scale 13).***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Duncan Hall, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk, bit-titlu **Swieq fil-Beraħ.**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Oliver Farrugia mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, bit-titlu ***Request by the KLQ for clearing of cactus plants at Il-Ħnejja lo Qrendi,***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Julian Zarb, mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, bit-titlu ***MOT – Itineraries Southern Villages.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Reuben Sciberras, *Communications Coordinator* fil-Ministeru għat-Turiżmu, bit-titlu ***Letter to the editor –* Orizzont.**

2.34.1 Is-Sindku David Schembri qal li se nkunu qegħdin nirrispondu għall-ittra li dehret fil-ġurnal l-Orizzont fil-jiem li ġejjin.

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Owen Galea, *Secretariat Officer* fis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva, bit-titlu **Stedina għat-Tnedija tal-Politika Nazzjonali Strateġika għall-Anzjanita' Attiva.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claudette Fenech mid-Direttorat għat-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Tindif, bit-titlu **Tindif fil-Lokalita'.**

2.36.1 Is-Sindku qal li mir-ritratti li ntbagħtu jidher li dan il-ħmieġ jinsab fil-konfini taż-Żurrieq u probabilment xorta waħda jaqa' taħt ir-responsabilita' tal-istess Direttorat għat-Tindif.

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency*, bit-titlu ***17th Bilateral Meeting.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency*, bit-titlu ***Disbursements.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Onorevoli David Agius, bit-titlu **Konferenza Nazzjonali – 20 Sena Kunsilli Lokali – Nhar is-Sibt li ġej 23 ta' Novembru 2013.**

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Data Analyst* ma' GreenPAK, bit-titlu ***3rd Quarter Report 2013.***

2.40.1 Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali hemm bżonn li naħdmu ħafna aktar u tkun ideali li kieku nhar ta' Tlieta ma jinġabarx l-iskart domestiku, għalkemm din hija idea li ma tantx jaqbel magħha.

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Denise Cutajar, bit-titlu ***Request for a new street lighting.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Carolyn Marmara' Jacono, Surġent tal-Pulizija fit-Taqsima kontra d-Drogi, bit-titlu ***Meeting with Drug Squad.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Frida Mangion, *Community Social Worker,* bit-titlu **Kirkop Clinic.**

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Zerafa, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija Qrendi, bit-titlu **Attivita' fuq Radju 15 ta' Awwissu.**

2.44.1 Il-Kunsillier Olympia Sant qalet li hi tal-fehma li l-Kunsill Lokali m'għandux jidħol f'dawk li għandu x'jaqsam mal-Każini tal-festi jew attivitajiet

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tagħhom.

2.44.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li hu jaqbel mal-proposta tas-Sur Zerafa għax li kieku ż-żewġ Soċjetajiet għandhom l-istazzjon tar-radju tagħhom, kieku l-Kunsill Lokali jaħdem maż-żewġ każini f'dan ir-rigward.

2.44.3 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li għandna naċċettaw l-offerta ta' Radju 15 ta' Awwissu, li jsiru kollegamenti diretti waqt il-ġurnata organizzata mill-ħbieb tad-Dar tal-Providenza bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit David Sultana, bit-titlu ***Storm Water Culvert.***

2.45.1 Is-Sindku spjega fid-dettall l-istorja kollha ta' din il-parti ta' Triq Ħaġar Qim u s-sitwazzjoni li nqalgħet wara li din it-triq kienet irranġata.

2.45.2 Spjega kif l-ilma qiegħed jitlaq mit-triq, imma hemm problema bejn il-Perit Joe Sultana u s-Sur Joseph Mifsud fuq fejn se jmur l-ilma wara li jiskula mit-triq.

2.45.3 Wara laqgħa li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru ġie milħuq ftehim li ssir katusa minn quddiem ir-residenza tal-Perit Sultana, u din il-katusa tibqa' ddur mal-binja u tasal sal-post fejn illum jaqa' l-ilma.

2.45.4 Qal li din xorta waħda hija problema minħabba li l-katusa se tgħaddi minn taħt il-bankina li diġa' saret u se jkunu qegħdin jiġu ċċekkjati l-livelli u l-istima ta' dan ix-xogħol.

2.45.5 Spjega kif se nkunu qegħdin nippruvaw inġibu dawn il-fondi minn Miżura 313 tal-Unjoni Ewropea imma jista' jagħti l-każ li dan ma jkunx possibli.

2.45.6 Qal li suppost ix-xogħol, jekk isir kif previst għandu jkun lest sal-aħħar ta' Marzu 2014.

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Roberta Schembri minn M-Quip, bit-titlu ***Totem Kiosk.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Aleander Balzan, editur ta' iNews Malta, bit-titlu **Rsiposta għall-Istorja – Is-suppost żbir tas-siġar...Oleander jiżżarmaw mill-frieghi.**

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Silvio Scicluna, mill-*Monitoring Unit* tal-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura, bit-titlu ***Qrendi Oleander***.

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rodianne Galea, bit-titlu ***Walking Man.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Michelle Camilleri, bit-titlu **Riċerka.**

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Daniela Fitzpatrick, bit-titlu ***World Disability Day.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Alison Bezzina, bit-titlu ***The Times – Exposure for your Christmas Events.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Davinia Xuereb, bit-titlu ***Radio Programme.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claudia Vassallo Mintoff, bit-titlu **Ħadd Għalik.**

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Chris Camilleri, bit-titlu **Triq fi stat diżastruż.**

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Sandra Sciberras mill-Universita ta' Malta, bit-titlu ***JANUS Project – Invite from Department of Criminology.***

2.57 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Mario Zerafa, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija Qrendi, bit-titlu **Tiżjin bid-dawl għal Żmien il-Milied u s-Sena l-Ġdida.**

2.58 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sa. Pawla Pace dwar tibdil ta' isem ta' triq fil-Qrendi.

2.58.1 Is-Sindku qal li huwa diffiċli ħafna li jinbidel isem ta' triq, speċjalment meta hemm diversi residenzi, imm spjega kif din xorta waħda trid tiġi aċċettata

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

mill-i*Street Naming Committee.*

2.58.2 Ippropona li l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta t-talba tas-Sa. Pace u nistennew risposta mingħand l-i*Street Naming Committee*.

2.58.3 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' din il-proposta.

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Cutajar, bit-titlu ***Sub-committee.***

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Buttigieg, bit-titlu **Jum il-Qrendi 2014.**

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Magro, bit-titlu **Sotto-Kumitat Jum il-Qrendi.**

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Cachia, bit-titlu **Festival Agrarju tal-Patata.**

## 3. IŻ-ŻBIR TAL-ARBUXELLI TAL-OLEANDER

3.1 Is-Sindku David Schembri qal lis-Sur Mario Spiteri, impjegat tal-ELC, żabar ċertu arbuxelli tal-oleander li jinsabu fi Triq it-Tempesta.

3.2 Spjega kif xi ftit jiem wara li sar dan ix-xogħol spiċċajna fuq il-ġurnal l-Orizzont u s-sit iNewsMalta.com.

3.3 Dan minħabba li ż-żabra kienet intensiva u probabilment ħasdet lil xi indivdwi.

3.4 Żied li l-idea wara din iż-żabra kienet sabiex il-friegħi ta' dan l-oleander jissaħħaħ u mhux sabiex jitkissru dawn l-arbuxelli.

3.5 Għalaq billi qal li r-responsabilita' kollha f'dan il-każ hija tal-Kunsill Lokali u fuq is-sit elettroniku kien hemm diversi persuni li kkummentaw, min favur

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

u min kontra, bħalma jiġri dejjem.

4. **ATTIVITAJIET GĦAL ŻMIEN IL-MILIED**

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Ħbieb tad-Dar tal-Providenza bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali se jkunu qegħdin jorganizzaw attivita' fil-21 ta' Diċembru 2013.

4.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega kif se tkun imqassma l-attivita' kif ukoll dwar il-kompetizzjoni tal-isbaħ dekorazzjoni tal-kejk tal-Milied.

4.2 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa tkellem dwar attivitajiet oħra li jistgħu jsiru mill-Kunsill Lokali matul dan iż-żmien.

4.2.1 Qal li tkun ideali jekk għall-ewwel darba l-Kunsill Lokali jorganizza ħarġa għal Għawdex fix-xitwa u din id-darba noħduhom jaraw Betlehem f'Għajnsielem.

4.2.2 Ippropona li din il-ħarġa ssir jew is-Sibt 28 ta' Diċembru nkella t-Tnejn 30 ta' Diċembru.

4.2.3 Barraminnhekk, se nkunu qegħdin niċċekkjaw il-ħinijiet fiex ħin ikun miftuħ Betlehem f'Għajnsielem u kif l-aħjar tiġi organizzata din il-ġurnata.

4.3 Il-Viċi-Sindku tkellem ukoll dwar ħarġa għat-tfal li tista' ssir ukoll f'dawn iż-żminijiet.

4.3.1 Qal li l-ideali jkun jekk din id-darba ssir ħarġa għall-Playmobil u ssuġġerixxa d-data tat-3 ta' Jannar 2014.

5. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar it-tenders li se jagħlqu kmieni s-sena d-dieħla u għaldaqstant dawn għandhom bżonn li jew jiġġeddu nkella jerġgħu jinħarġu.

5.1.1 Tkellem dwar il-kuntratti tal-*Cleaning and Clearing of Non-Urban Roads, Street Sweeping and Cleaning, Traffic Signs and Road Markings, Collection of Bulky Refuse* u *Cleaning and Attendance of Public Conveniences.*

5.1.2 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li dawn il-kuntratti għandhom jiġu mġedda b'sena kif hemm fil-kuntratti rispettivi.

5.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar it-tender tal-*Upkeep and Maintenance of Access Roads and Pedestrian Roads, Road Construction and Roads Resurfacing Works* li fil-preżent jinsab f'idejn il-Perit Toni Bezzina.

5.2.1 Spjega kif minn esperjenza ta' Kunsilli Lokali oħra jidher li r-rati tal-Periti raħsu u dan minħabba li hemm aktar kompetizzjoni bejniethom.

5.2.2 Qal li hawnhekk qegħdin nitkellmu dwar każ ta' professjoni u mhux dak politiku.

5.2.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li hu jipproponi li dan il-kuntratt għandu jiġi mġedded għal sena oħra.

5.2.4 Is-Sindku qal li huwa l-prezz li huwa inkwetanti u spjega kif jekk jinħareġ tender ġdid żgur li se jorħsu r-rati li l-Kunsill Lokali għandu bħalissa.

5.2.5 Wara diskussjoni, l-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li din id-deċiżjoni għandha tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

5.3 Is-Sindku tkellem dwar il-kors tal-*aerobics*.

5.3.1 Spjega kif il-Kunsill Lokali tkellem mal-*Health Promotion Department* kif ukoll mingħand il-*Malta Olympic Committee.*

5.3.2 Qal li jekk nagħmlu l-kors flimkien mal-*Health Promotion Department* dan jiġi bla ħlas imma hemm ħafna kundizzjonijiet.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.3.3 Spjega kif l-iskola ma tistax tintuża' mingħajr ma jingħata xi tip ta' kontribut lill-istess skola u dan minħabba li se nkunu qegħdin nużaw dawn il-faċilitajiet.

5.3.4 Qal li min-naħa tiegħu tkellem ukoll mal-MOC fejn dawn se jkunu qegħdin jiddeċiedu waqt laqgħa tal-bord jekk jisponsorjawx din l-inizjattiva tal-Kunsill Lokali jew le.

5.3.5 Il-Kunsillier Olympia Sant qalet li hi għadha ma taqbilx mal-fatt lin-nies li se jieħdu sehem se jħallsu €1 ta' kull sessjoni.

5.3.6 Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill Lokali kienet diġa ittieħdet deċiżjoni unanima li ma jiġux sponsorjati korsijiet u għaldaqstant ma jistgħux jintużaw il-faċilitajiet tal-iskola mingħajr ma tingħata kontribuzzjoni.

5.3.7 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li meta qed nitkellmu dwar €1 m'aħniex nitkellmu dwar ħafna flus u għaldaqstant kulħadd għandu jħallas din il-kontribuzzjoni.

5.4 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-kompetizzjoni li organizza l-Kunsill Lokali sabiex żewġ żgħażagħ iżuru Brussell fl-aħħar jiem ta' Novembru 2013.

5.4.1 Qal li kien diżappuntat li għal okkażjoni hekk daħlu biss żewġ komponimenti.

5.4.2 Spjega kif dawn iż-żgħażagħ kienu jinsabu Brussell minħabba li telqu l-Ħadd 24 ta' Novembru u kellhom jiġu lura t-Tlieta 26 ta' Novembru 2013.

5.4.3 Żied li l-Assistent Prinċipal Stephania Grixti telgħet tirrapreżenta lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi kif ukoll sabiex takkumpanja lil dawn iż-żgħażagħ.

5.5 Is-Sindku tkellem dwar iż-Żagħżugħ tas-Sena, b'referenza għal ittra li konna rċevejna mingħand il-Moviment Kerygma.

5.5.1 Qal li għan dan l-unur hu kien qiegħed jipproponi liż-żagħżugħ Ryan Magro li huwa student universitsarju, involut ħafna fil-volontarjat kif ukoll

membru tal-Qrendi Scout Group.

5.5.2 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' din il-proposta.

5.6 Punt ieħor li tkellem is-Sindku dwaru kien fuq żewġ studenti miċ-Ċentru ta' Riżorsa Dun Manwel Attard tal-Wardija li qegħdin jagħmlu esperjenza ta' xogħol fil-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

5.7 Is-Sindku tkellem dwar it-talbiet ta' bozoz f'toroq mhux urbani li għandu bħalissa quddiemu l-Kunsill Lokali.

5.7.1 Qal li fil-preżent hemm 15-il talba għal bozoz differenti, li hemm min iridhom mal-ħitan inkella ma' arblu.

5.7.2 Il-Kunsill Lokali wara diskussjoni wasal għal ftehim li fil-preżent napplikaw għal bozza fi Triq tal-Muddejn bħala bozza pilota u dan minħabba li l-persuna li qiegħda titlob din il-bozza għandha l-karta tal-identita' fuq dan il-post u fil-verita' toqgħod hemmhekk.

5.8 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar is-sotto-kumitati, kemm ta' Jum il-Qrendi 2014 kif ukoll tal-Festival Agrarju tal-Patata 2014.

5.8.1 Qal li dwar is-sotto-kumitat ta' Jum il-Qrendi 2014, is-Sur John Buttigieg u s-Sa. Alison Bartolo wieġbu li ma setgħux jaċċettaw filwaqt li s-Sa. Maria Magro u s-Sur Joseph Cutajar aċċettaw l-istedina tal-Kunsill Lokali.

5.8.2 Is-Sa. Sephora Borg għadha trid tagħtina risposta jekk hux se tifforma parti minn dan is-sotto-kumitat.

5.9 Dwar is-sotto-kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata 2014 l-Viċi-Sindku qal li s-Sur John Cachia, is-Sur Carmelo Farrugia u s-Sur Jurgen Xerri aċċettaw l-istedina tal-Kunsill Lokali.

5.9.1 Qal li s-Sur Matthew Kassar u s-Sur Raymond Farrugia għadhom iridu jagħtuna risposta dwar dan ir-rigward.

5.10 Il-Kunsillier Olympia Sant staqsiet jekk huwiex possibli li ssir *zebra crossing*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

quddiem iċ-Ċentru Pastorali Parrokjali u dan minħabba l-ammont ta' tfal li jattendu għad-duttrina f'dan iċ-Ċentru.

5.10.1 Il-Kunsill Lokali qal li mhijiex daqstant faċli li ssir din iz-*zebra crossing* minħabba li ma teżisti l-ebda bankina fuq l-ebda naħa tat-triq.

5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq proposta quddiem il-Kunsill Lokali li għandha tinxtara *gazebo* pilota minħabba l-attivita' tal-21 ta' Diċembru 2013.

5.11.1 Qal li jekk kemm-il darba dan l-esperiment jirnexxi, l-Kunsill Lokali jaqbillu jekk jixtri l-*gazebos* minflok joqgħod jikrihom kull sena għax dawn qed jiġu jiswew ħafna flus u l-Kunsill m'għandu xejn tiegħu.

5.11.2 Qal li minn dak li ċċekkja jidher li kull *gazebo* tista' tiġi tiswa bejn €150 u €170.

5.11.3 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' din il-proposta u għaldaqstant se tinxtara *gazebo* mill-aktar fis possibli.

## 6. **FINANZI**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €31,224.71c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 11/13 u €74.44c skont il-*Petty Cash* Ref Q/10.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

6.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 7. **AĠĠORNAMENT**

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 17 ta' Diċembru 2013 fil-5pm.

7.1.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* fuq il-ħin ta' din il-laqgħa.

______________________ ______________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**